**<u>TRIBUNAL INDUSTRIJALI</u>**

**<u>DECIZJONI NUMRU 2989</u>**

**Kaz Numru 3209/GV**

**Fil-Kwistjoni tax-xoghol**

**bejn**

**Natalie Cortis**

**u**

**Health Services Group Ltd u li skond il-verbal tad-19 t'Ottubru 2019 assuma r-responsabbilita` ta' din il-kwistjoni ta' xoghol, Gaetano Bonnici, bil-karta tal-identita` numru 970050(M),**

*dwar tkeccija mill-impjieg allegata li hi ngusta*

Illum 7 ta' Mejju 2024

**<u>Chairman: Dr. Geoffrey Vella B.A. LL.D</u>**

## Introduzzjoni

Dan il-kaz gie riferut lit-Tribunal Industrijali, kif diversament ippresedut, permezz ta' Dikjarazzjoni tal-Kazipprezentati mill-Avukat Paul Gonzi ghan-nom tar-rikorrenti, Nathalie Cortis, fir-Registru Superjuri, fl-20 ta' Frar 2014. Illi r-rikorrenti qieghda ssostni li tkecciet b'mod ingust mis-socjeta` ntimata, Health Services Group Ltd. Ir-rikorrenti talbet, fid-Dikjarazzjoni tal-Kaz taghha, lil dan it-Tribunal: -

1. *Illi r-rikorrenti Natalie Cortis kienet ilha tahdem mas-socjeta` Health Services Group mill-1 ta' April 2010.*
2. *Illi x-xoghol taghha kien ta' Rosters Co-ordinator fejn kellha dmirijiet li kienu jinkludu primarjament izda mhux biss taghmel shifts ta' l-impjegati li jahdmu mas-socjeta` f'diversi entitajiet li s-socjeta` kellha kuntratt maghhom, tibdel in-nies meta mehtieg, toqghod b'mobile tax-xoghol 24x7 kif ukoll tghin lis-sur Gaetano Bonnici fl-affarijiet amministrattivi li jkun hemm bzonn.*
3. *Illi minkejja li kienet ilha tahdem ghal zmien twil mall-kumpanija hija qatt ma nghatat kuntratt ta' mpjieg jew engagement letter, dan bi ksur tad-drittijiet taghha skond il-ligi.*
4. *Illi hi kienet impjegata a bazi ndefinit u full-time (u mhux ghal zmien determinat jew part-time) dikjarazzjoni li saret mis-socjeta` ntimata mall-ETC illi kien hemm 'end of contract'*

*hija zbaljata u qarrieqa stante illi fil-fatt hija tkecciet mill-principal fuq ordni tieghu kif jista' jigi spjegat f'aktar dettal waqt is-smiegh tal-kawza.*

5. *Illi mat-temm tal-imjieg taghha r-rikorrenti ma thallsitx il-paga kollha dovuta lilha – u dan apparti l-metodi lleciti tal-kumpanija matul il-perjodu kollu tal-impjieg fil-konfront tal-hlas tal-pagi, dan ghad-detriment tar-rikorrenti, u apparti l-fatt illi minkejja s-sighat twal ta' xoghol fejn kellha on call 27/4 (sic) inkluz fil-weekend, hdud u festi qatt ma thallset overtime skond il-ligi.*
6. *Illi in oltre, r-rikorrenti soffriet minn agir abusiv u llegali, kemm permezz ta' kliem u azzjonjiet fil-konfornt taghha maghtul l-impjieg fuq il-post tax-xoghol u dan mill-principal taghha stess, liema kondotta kienet offensiva, umiljanti u ta' fastidju mhux mixtieqa. Illi in oltre, r-rikorrenti soffriet rikatt matul l-impjieg taghha kif ukoll spiccat bla xoghol minhabba li l-principal ma riedx li din ikollha relazzjoni personali ma' terz.*
7. *Illi ghar-ragunijiet suesposti fost ohrajn l-impjieg tar-rikorrenti gie terminat minghajr raguni gusta u valida, u ghaldaqstant saret tkeccija ngusta ai termini tal-KAP 452 ta' Malta.*
8. *Illi l-impjieg gie terminat fi zmien Dicembru 2013 dan wara li r-rikorrenti kienet giet lura minn perjodu ta' mard (sick leave) fit-2 ta' Dicembru – u in fatti hija tkecciet ftit granet qabel il-Milied.*

*Ghaldaqstant in vista tal-premess, ir-rikorrenti titlob lil dan l-Onorabbli Tribunal Industrijali joghgbu*

(i) *"Jiddikjara li l-agir tal-principal fil-konfornt tal-impjegata kienet illegali u dan ai temini tal-Artikolu 30 tal-Kap 30 tal-Kap 452, tal-Ligijiet ta' Malta; u*

(ii) *Jiddikjara li t-terminazzjoni ta' l-impjieg kienet tkeccija ngusta u mhux ghal raguni valida u bizzejjed skond il-ligi; u*

(iii) *Jghaddi jaghti kull ordni u/jew rimedju li jidhirlu mehtiega biex jirrimedja l-ksur taht dawk il-provvedimenti li jidhirlu xierqa; u*

(iv) *F'kull kaz jillikwida dak il-kumpens pagabbli lir-rikorrenti u jikkundanna lis-socjeta` ntimata thallas lir-rikorrenti l-kumpens u kull ammont hekk likwidat.*

*Dan b'riserva ghal talbiet ulterjuri u ghall-prezentata ta' dokumenti relatati kif ukoll b'riserva ghal talbiet u proceduri ulterjuri li jistghu jsiru ma' awtoritajiet kompetenti ohra fosthom tramite l-Forzi tal-Pulizija ta' Malta, l-Korporazzjoni tax-Xoghol u Tahrig (ETC) u mad-Dipartiment tax-xoghol (DIER)*[1]*."*

Mill-banda l-ohra s-socjeta` ntimata, pprezentat ir-risposta u kif ukoll d-Dikjarazzjoni tal-Kaz taghha fit-13 ta' Jannar 2014, liema Dikjarazzjoni tal-Kaz giet ipprezentata mill-avukat, illum l-Onorevoli Mhallef, Dottor Ian Spiteri Bailey.

[1] Dikjarazzjoni tal-Kaz tar-Rikorrenti, Natalie Cortis.

Illi fir-risposta taghha, b'Dikjarazzjoni, tas-socjeta` ntimata, Health Services Group Ltd, issostni s-segwenti: -

a. *Illi l-azzjoni proposta mir-rikorrenti, Nathalie Cortis hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda.*
b. *Illi filwaqt illi hemm qbil illi r-rikorrenti kienet impjegata fuq kuntratt ta' xoghol indefinit u full time, u b'referenza ghar-raba' paragrafu tar-rikors promotur, mhux minnu illi saret xi dikjarazzjoni qarrieqa u zbaljata mall-ETC, u dan propju ghaliex huwa invertier u skorett illi jinghad illi hija tkecciet mill-principal, kieku kien hekk il-kaz, kieku kienet issir id-dikjarazzjoni "Dismissed." Imma dan ma kienx il-kaz.*
c. *Illi l-verita` sagrosanta hi illi r-rikorrenti Natalie Cortis wriet ix-xewqa illi ma tibqax fl-impjieg u filwaqt illi setghet saret dikjarazzjoni "resigned", saret id-dikjarazzjoni "end of conract", bi ftehim bejn il-partijiet u li fiha nfisha ma tikkostitwixxi ebda dikjarazzjoni qarrieqa jew zbaljata kif allegata.*
d. *Illi dwar il-kontenut tal-hames paragrafu, filwaqt illi s-socjeta` mittenti tichad ghal kollox dak kollu li hemmhekk jinghad, jigi dikjarat:*
   i. *Illi t-Tribunal ma ghandux kompetenza jisma' tali lment,*
   ii. *Illi r-rikorrenti qatt ma ressqet ebda lment,*
   iii. *Illi ser jingiebu provi kollha, quddiem dan it-Tribunal jew kwalsiasi forum iehor kompetenti, sabiex kulhadd ikun sodisfatt ta' kemm mhux minnu dak dikjarat fil-paragrafu hamsa tar-rikors.*
e. *Daqstant iehor huma invertiera l-allegazzjonjiet fiergha kollha maghmula mir-rikorrenti fis-sitt paragrafu tar-rikors taghha.*
   i. *Jigi umilment sottomess illi qatt qabel mar-rikorrenti ressqet ilmenti bhal dawn.*
   ii. *Ukoll illi dawn huma qlajjiet foloz intizi biss biex tipprova tiskredita lis-Socjeta` mittenti.*
   iii. *Tghid ir-rikorrenti, kieku veru dak li qed tallega, kif tispjega l-fatt illi meta madwar sitt xhur qabel gia kienet tat ir-rizenja, hija rtirata peress illi kien intlahaq ftehim mall-principal u kienet komda u kuntenta illi tibqa' fl-impjieg kif fil-fatt ghamlet.*
f. *Illi tant ma tkeccietx u tant ma riedx il-principal illi hija titlaq mill-imjieg, illi mhux biss gja kien hemm okkazzjoni meta tejbet il-kundizzjonjiet biex tibqa', izda anke issa f'din it-terminazzjoni.*

i. *Inghatat termination letter u reference letter mill-isbah datata 23/12/2013 u kif ukoll rigal ta' apprezzament f'forma monetarja, u*

ii. *Anke sa wara t-terminazzjoni, l-bieb ghar-rikorrenti baqa' miftuh biex terga' tmur lura ghax-xoghol, kif ghadu llum jekk tkun lesta u disposta illi tirtira l-allegazzjonjiet u l-pretensjonijiet foloz u invertieri li qed tressaq bir-rikors taghha, u liema s-socjeta` esponenti mhux teskludi illi hija mgieghla taghmel minn terzi persuni.*

g. *Illi eccetto ghal kwistjonijiet zghar fil-hajja lavorattiva ta' kulhadd, il-kumpanija qatt ma kellha problemi bl-impjieg tar-rikorrenti, tant illi qatt ma keccewha u anzi dejjem kellha relazzjoni tajba mall-kumpanija.*

*Ghaldaqstant u ghal dawk ir-ragunijiet illi t-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu michuda*[2].

It-Tribunal, ha konjizzjoni tad-dikjarazzjonijiet tal-kaz u dan kif gie lilu pprezentat mill-partijiet kontendenti. Illi t-Tribunal zamm wiehed u ghoxrin (21) seduta b'kollox fejn instemghu x-xhieda mressqa miz-zewg partijiet, u, in oltre, l-istess Tribunal evalwa l-provi mressqa quddiemu flimkien mad-dokumenti pprezentati.

Di piu', gew ipprezentati zewg noti ta' sottomissjonjiet miz-zewg kontendenti f'din il-kwistjoni ta' xoghol u kif ukoll saret trattazzjoni finali mill-konsulenti legali rispettivi tal-partijiet. Ta' dan kollu dan it-Tribunal ha in konsiderazzjoni l-istess argumenti kif sottomessi fit-trattazzjoni finali. In oltre, ma kienx possibbli li dan it-Tribunal jiddeciedi dan il-kaz fi zmien xahar kif stipulat fil-ligi u dan stante l-limitazzjonijiet ta' facilitajiet amministrattivi, bdil fic-*Chairperson,* minhabba d-diversi talbiet ta' differimenti mill-istess partijiet u kif ukoll minhabba l-pandemija tal-COVID19.

Illi, r-rikorrenti, Nathalie Corits kienet assistita mill-Avukat, Dottor Paul Gonzi, mentri Gateano Bonnici, li assuma hu personalment ir-responsabillita` ta' din il-kwistjoni ta' xoghol minflok is-socjeta` Health Services Group Ltd, u dan kif gie vverbalizzat fis-seduta tad-19 t'Ottubru 2019, kien assistit mill-Avukat, illum l-Onorevoli Mhallef, Dottor Ian Spiteri Bailey u sussegwentement assist mill-Avukat, Dottor Andrew Grima.

## Il-Fatti fil-Qosor tal-Kaz in dezamina

Illi r-rikorrenti, kif gia sar accenn aktar 'l fuq, kienet giet impjegata mis-socjeta` ntimata bhala ta' *Rosters Co-Ordinator* u kif ukoll kienet tghin lill-principal, Gateano Bonnci fl-amministrazzjoni meta jkun hemm il-htiega. In oltre, r-rikorrenti tul il-perjodu tal-impjieg taghha qatt ma nghatat kuntratt jew *engagement letter*.

Ir-rikorrenti tallega li matul l-impjieg taghha hi soffriet minn agir abbusiv u llegali fil-konfront taghha, u li dan sar permezz ta' kliem u kif ukoll azzjonijiet fil-konfront taghha. Illi dan kollu sar mill-principal taghha stess, Gaetano Bonnici, u r-rikorrenti ssostni li tali kondotta kienet offensiva, umiljanti u ta' fastidju mhux mixtieqa. Di piu', tishaq ir-rikorrenti, li hi spiccat bla mpjieg minhabba rikatt da parti tal-principal peress li ma riedx li jkollha relazzjoni personali ma' Josef Borg, u li kien ukoll impjegat mall-istess socjeta`.

## Konsiderazzjonjiet tat-Tribunal Industrijali

F'din il-kwistjoni ta' xoghol tressqu diversi xhieda miz-zewg kontendenti u dan sabiex jippruvaw l-argumenti rispettivi taghhom. It-Tribunal jinnota mill-provi pprezentati u mix-xhieda mressqa f'din il-kwistjoni ta' xoghol li din il-kwsitjoni ta' xoghol kienet ikkumbatuta ferm miz-zewg partijiet.

---

[2] Risposta b'Dikjarazzjoni tas-Socjeta` Health Services Group Ltd.

It-Tribunal jibda biex jinnota li zewg ex-impjegati tas-socjeta` ntimata, Nelly Attard u Antonella Bonello sostnew li huma kienu esperjenzaw xi tip ta' fastidju mill-principal, Gaetano Bonnici. Cio nonostante, tajjeb li jigi ccarat li mix-xiehda ta' Nelly Attard johrog li dan it-tip ta' fastidju kien waqaf meta impjegata (certa Marion) kienet kellmet lill-principal dwar dan l-agir tieghu li kien qieghed idejjeaq lill-istess Nelly Attard[3].

Mix-xiehda ta' Antonella Bonello hareg li l-principal, Gaetano Bonnici kien ried ikun jaf minn ghandha (Antonella Bonello) dwar ir-relazzjoni li r-rikorrenti kellha ma' mpjegat iehor, Josef Borg. In oltre, din ix-xhud, semmiet ukoll waqt ix-xiehda taghha li maghha ukoll is-sur Bonnici kien jagixxi b'mod li kienet tiddejjaq. Din ix-xhud issemmi li darba, l-principal, Gaetano Bonnici, kien riedha tghaddi d-dar tieghu u hi rrifjutat[4].

In oltre, tghid ukoll din ix-xhud li meta kienet tmur bil-kafe` dan kien imissilha idha. Ix-xhud tghid li hi kienet tiddejjaq b'dan kollu, u li qatt ma resqet ilment dwar dan peress li kienet ghadha bil-perjodu ta' prova (*probation period*), ghalkemm ftit wara kienet twaqqfet mill-impjieg.

L-istess rikorrenti fix-xiehda taghha dwar il-fatt li qatt ma kienet hadet azzjoni dwar l-agir tal-principal, hi sostniet li kellha d-debitu (*loan*) tal-post taghha, u kif ukoll problemi personali ohra, oltre l-fatt li kien hemm xi qraba ta' Bonnici jahdmu maghhom.

In oltre, hi ssostni li Gaetano Bonnici kienet urietu li kienet f'relazzjoni ma' Josef Borg, u dan ghamlitu sabiex jieqaf dan il-fastidju. In oltre, tghid ir-rikorrenti, li Josef Borg kien telaq mill-impjieg peress li l-principal Bonnici kien ghamillu hajtu nfern. [5]

Mill-banda l-ohra, Gaetano Bonnnici, fejn ukoll ghandu jigi rilevat li assuma kull responsabbilita` ghal dak li jirrigwardja din il-kwistjoni ta' xoghol minflok is-socjeta` Health Services Group Ltd, cahad bil-qawwa kollha l-allegazzjonjiet maghmula mir-rikorrenti, Nathalie Cortis. In oltre, l-istess Bonnici, ossia l-principal, sostna kemm-il darba, matul is-smiegh ta' din il-kwistjoni ta' xoghol, li hu dejjem kien jafda lir-rikorrenti u li l-istess rikorrenti qatt ma kienet resqet xi lment jew ilmentat dwar dan l-allegat fastidju da parti tieghu.

Matul is-smiegh ta' din il-kwistjoni ta' xoghol ir-rikorrenti fix-xiehda taghha kemm tas-seduta tat-2 ta' Frar 2015, u kif ukoll dik tat-12 t'Ottubru 2015, fejn ir-rikorrenti kkonfermat li hi qatt ma kienet hadet xi passi dwar dan l-allegat fastidju[6].

In oltre, fix-xiehda ta' xi mpjegati tas-socjeta` ntimata sostnew li l-principal Gaetano Bonnici qatt ma kienu raw xejn hazin minn Bonnici jew xi Direttur iehor fil-konfront tar-rikorrenti. Addirittura

[3] Vide xiehda ta' Nelly Attard seduta tas-26 ta' Ottubru 2015.
[4] Vide xiehda ta' Antonella Bonello seduta tad-9 ta' April 2019.
[5] Vide xiehda tar-rikorrrenti, Nathalie Cortis, seduta tat-12 ta' Ottubru 2015.
[6] Vide xiehda tar-rikorrenti, Nathalie Cortis, tas-seduti tat-2 ta' Fra 2015 u 12 ta' Ottubru 2015.

fix-xiehda taghha, Vanessa Polidano, tghid li r-rikorrenti kienet "*fdata wisq*" u dan stante li Bonnici kellu fiducja fl-istess rikorrenti[7].

Di piu', fin-nota ta' sottomissjonjiet tieghu, Gaetano Bonnici jissottometti li r-rikorrenti ma ppruvatx li kien sar dan il-fastidju, u dan stante li anke mix-xhieda li hi resqet ma rrizulta xejn fattibbli. Fix-xiehda ta' Nelly Attard, u li gia sar accenn ghaliha aktar 'l fuq, din ix-xhud tikkonferma li quddiemha ma kienx sar kliem li kienet qaltilha r-rikorrenti, u dan meta r-rikorrenti qaltilha dwar li kien qieghed jaghmillha Bonnici, u li din ix-xhud tghid lir-rikorrenti li temminha ghax lilha kien ried jehodha (lix-xhud) fil-garaxx. Cio nonostante, meta din ix-xhud saritilha domanda jekk kienx sarx xi kliem quddiemha da parti ta' Bonnici fil-konfront tar-rikorrenti, hi wiegbet li ma kienx sar quddiemha[8].

L-istess jista' jinghad ghax-xhud Antonella Bonelllo ma kienet ippruvat xejn fid-depozizzjoni taghha, u dan peress li meta sostniet li Bonnici kien messilha idha meta haditlu l-kafe`, u qalet lir-rikorrenti, din ma kienet irrispondiet xejn. Ir-rikorrenti lanqas ma semmiet xejn maghha li hi gieli esperjenzat xi attegjament simili da parti ta' Bonnici[9].

In oltre, l-principal Gaetano Bonnici fin-nota ta' sottomissjonjiet tieghu jsostni li Josef Borg, u li sussegwentment kien izzewweg lir-rikorrenti, fix-xiehda tieghu kien ikkonferma li ma jara xejn hazin li martu, r-rikorrenti, tibqa' tahdem mas-socjeta` ta' Gaetano Bonnici. Dan ix-xhud sostna li basta l-affarijiet jibqghu kif inhuma, u dan b'referenza ghal certu affarijiet li kienu qeghdin idejjqu lil Josef Borg[10].

Illi dan dan it-Tribunal ikkonsidra l-provi kollha l-partijiet kontendenti f'din il-kwistjoni ta' xoghol resqu, kemm bhala xhieda u kif ukoll dawk dokumentarji. Dan it-Tribunal miz-zewg noti ta' sottomissjonjiet tal-partijiet jinnota li z-zewg kontendenti b'mod dijametrikament oppost issottommettew l-argumenti rispettivi taghhom.

Da parti tar-rikorrenti din tallega li l-principal, Gaetano Bonnici, kien jaghtiha fastidju ta' natura sesswali. Mill-banda l-ohra l-istess Gaetano Bonnici jichad bil-qawwa kollha din l-allegazzjoni u dan kif hemm riportat fin-nota ta' sottomissjonjiet tieghu fejn hu jirribatti dawn l-allegazzjonijiet.

Illi z-zewg partijiet fin-nota taghhom jaghmlu referenza ghall-awtur Norman Selwyn dwar dan is-suggett tal-fastidju sesswali u t-tnejn li huma jikkwotaw brani tal-istess awtur dwar din il-materja. Illi dan it-Tribunal jifhem li hu wkoll minnu li d-dottrina fuq il-materja in kwistjoni hija skarsa, u li dawn ic-cirkostanzi huma cirkostanzi delikati u sensittivi ghall-ahhar.

Dan it-Tribunal ukoll ikkonstata mac-citat awtur fejn dwar dawn is-sitwazzjonijiet ta' fastidju sesswali fuq il-post tax-xoghol l-awtur, Norman Selywn isostni: -

---

[7] Vide Xiehda ta' Vanessa Polidano, seduta tas-6 ta' Novembru 2014.
[8] Vide xiehda ta' Nelly Attard, seduta tas-26 ta' Ottubru 2015.
[9] Vide Xiehda ta' Antonella Bonello, seduta tad-9 ta' April 2019.
[10] Nota ta' sottomissjonjiet ta' Gaetano Bonnici, pagna 6.

4.33 The Act defines three types of harassment that are of general application, and a further definition of harassment which relates specifically to employment situations (see s 40, para 4.56).

(a) A person harases another if he engages in unwanted conduct which has the purpose of effect of violating that other person's dignity, or creating an intimidating, hostile, degrading humilating, or offensive environment for that person. Motivation is irrelevant. This type of harassment applies to all the protected chracteristics apart from preganancy and maternity, and marriage and civil partnerships.

(b) A person harasses another if he engages in any form of unwanted verbal or non-verbal or physical conduct of a sexual nature that has the effect of violating a person's dignity, or creating an intimidating, hostile, degrading, humiliating, or offensive environment for that other. This type of harassment applies to all the protected characteristics.

(c) The third type of harassment is where one or more persons engage in conduct of a sexual nature, or that is related to gender reassignment or sex, and has the purpose or effectof violating another person's dignity, or creating hostile, degrading, humiliating, offensive environment, and because the person offended rejects or refuses to submit to the conduct he is treated less favourably than he would have been had he not rejected or submitted to the conduct. Again this type of harassment applies to all protected characteristics.

4.34 In deciding whether the conduct has that effect, the perception of the person allegedly harassed must be taken into account, as well as the other circumsatnces of the case and whether it was reasonable for the conduct to have that effect.

4.35 Conduct is 'unwanted' in the sense of being 'unwelcome' or 'uninvited' (Insitu Cleaning Co Ltd v Heads). A sinulgar incident can give rise to harassment under this section (Bracebridge Engineering Ltd v Darby). If the conduct is of sexual nature, the fact that similar treatment is meted out to men as well as women is irrelevant (Driskel v Peninsula Business Services).

4.36 If an employer has reason to believe that sexual harassment is taking place, it is incumbent on him to investigate the matter, and take some action, if necessary, without waiting for a formal complaint to be made. A failure to do so could well amount to breach of the implied term of trust confidence (Reed & Bull Information Systems Ltd v Stedman)[11].

Minn dawn l-insenjamenti kollha jirrizulta li kondotta ta' fastidju tista' tkun verbali jew non-verbali, u kif ukoll b' kondotta fizika ta' natura sesswali u li jkollha effett li tivvjola d-dinjita` ta'

[11] Selwyn's Law of Employment 22nd Edition – Astra Emir, Oxford University Press (2022) – par. 4.33 – 4.36, p. 124.

persuna. In oltre, tkun ukoll qieghda tikkrea ambjent offensiv, ostili, degradanti, intimidanti u umiljanti ghal dik il-persuna l-ohra, ossia l-vittma.

In oltre f'din il-kwistjoni ta' xoghol qieghed jigi alelgat mir-rikorrenti li hu l-istess principal li qieghed allegatament johloq din il-klima fuq il-post tax-xoghol ghar-rikorrenti. L-istess awtur, Norman Selywn, dwar meta l-fastidju jkun qieghed isir mill-principal jghid: -

> 4.56 An employer must not harass an employer of his, or an applicant for employment.
>
> 4.57 Anything done by a person in the course of his employment shall be treated as done by his employer as well as by him, whether or not the act was done with the employer's knowledge or approval. This is the effect of the doctrine of vicarious liability. Thus in Jones v Tower Boot Co Ltd an employee was riacially harrased at work, by having to suffer physical and verbal abuse from his fellow employees. It was argued for the employer that the acts were not committed in the course of the employment because it was no part of their work to do such things, which were unauthorised and unconnected with anything thet were employed to do. The Court of Appeal rejected the argument, and held the employer liable for race discrimination. The words 'in the course of his employment' were to be given a purposive construction.
>
> 4.58 …A claimant can also bring an action under the general harassment provisions of the Act (s 26, par 4.33) or claim that the employer's failure to take steps could amount to am fundamental breach, entitling the employee to resign and claim constructive dismissal (para 17.21)[12].

Dwar l-istanti tal-*constructive dismissal*, dan it-Tribunal ukoll jinnota li fin-nota taghha, r-rikorrenti tissottometti li hi kienet kostretta li taghzel bejn ix-xoghol mas-socjeta` ta' Gaetano Bonnici u s-sieheb taghha, Josef Borg. Kien ghalhekk li hi rrizenjat minhabba din l-attitudni tal-principal taghha, Gaetano Bonnici. In oltre, fl-istess nota hemm ukoll referenza ghad-diversi artikoli tal-ligi, kemm mill-Kap 452 dwar dawn l-istanti tal-fastidju u kif ukoll referenza ghal-Legislazzjoni Sussidjarja 452.95.

It-Tribunal ukoll ikkunsidra dak riportat fin-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrenti dwar it-tkeccija ngusta, u li f'din il-kwistjoni ta' xoghol ma tinkwadrax taht il-kuncett ta' *constructive dismissal.* Minn dak li hareg mill-provi prodotti, mill-istess xhieda prodotti, u kif ukoll minn dak li sostniet ir-rikorrenti, matul is-seduta tat-2 ta' Frar 2015, fejn il-principal kien riedha li taghzel bejn l-impjieg taghha u Josef Borg, ossia s-sieheb taghha, r-rikorrenti ghazlet lis-sieheb taghha, u li llum hu zewgha[13].

---

[12] Ibid, par. 4.56 -4.58, p. 128.
[13] Vide seduta tat- 2 ta' Frar 2015, xiehda in kontro-ezami tar-rikorrenti, Nathalie Cortis.

In oltre, fl-istess seduta tat-2 ta' Frar 2015, ir-rikorrenti tenniet li l-principal kien qalilha li kien se jitterminalha l-kuntratt. Mill-formula tal-Jobs Plus din tindika bhala '*end of contract.*' Ghalhekk, ir-rikorrenti tishaq li din mhux *constructive dismissal*.

Di piu', r-rikorrenti, u dan ukoll kif irrizulta mill-provi prodotti, r-rikorrenti qatt ma kienet inghatat kuntratt ta' mpjieg, izda kienet impjegata fuq bazi *indefinite* u *full time.*

**Kunsiderazzjonjiet Ulterjuri**

Illi minn dak kollu li dan it-Tribunal evalwa f'din il-kwistjoni ta' xoghol, u dan stante l-fatt li l-istess Tribunal ukoll kien f'qaghda li jifli lill-istess partijiet, matul id-depozizzjonijiet taghhom, hu tal-fehma li t-tnejn li huma ghandhom in-nuqqasijiet taghhom.

Il-principal, Gateano Bonnici, kif irrizulta matul din il-kwistjoni ta' xoghol, kien jafda hafna lir-rikorrenti, u dan qabel mar-rikorrenti ma kienet f'relazzjoni ma' Josef Borg. Johrog car ukoll mill-provi li l-istess Bonnici kien persuna li fil-fehma ta' dan it-Tribunal kien johrog barra l-limiti tieghu ghal dak li hu komportament mall-impjegati. Kif xehdet Antonella Bonello, fejn stqarret li dan kien missilha idha meta kienet haditlu l-kafe` u li kif ukoll kien riedha li tghaddi d-dar tieghu. In oltre, Nelly Attard ukoll tghid li kienet hi personalment esperjenzat certu fastidju minghand Bonnici, liema fastidju kien waqaf meta l-istess Attard tkellmet ma' mpjegata dwar dan il-fastidju.

Mill-banda l-ohra, t-Tribunal jinnota li ghalkemm kien hemm dan il-komportament da parti tal-principal, ir-rikorrenti, u sakemm il-principal riedha taghzel bejn ix-xoghol u Josef Borg, din baqghet fl-impjieg, ghalkemm kien hemm dan il-komportament mill-istess Bonnici. It-Tribunal jaraha stramba li persuna li tkun iffastidjatha fuq il-post tax-xoghol tibqa' tahdem fl-istess post tal-impjieg.

It-Tribunal iqis li b'mod generali l-attitudni tal-principal ma hijiex accettabbli gialadarba l-impjegati mhux komdi b'dik it-tip ta' attitudni u li mhux mixtieqa. Kif hemm stipulat f'artikolu 29 tal-Kap 452, tal-Ligijiet ta' Malta: -

> 29.(1) L-ebda prinċipal jew impjegat ma jista' jagħti fastidjulil impjegat ieħor jew jagħti fastidju lill-prinċipal billi jassoġġetta lil dik il-persuna għal kull att, talba jew kondotta mhux mixtieqa, li jinkludu kliem bil-fomm, ġesti jew il-produzzjoni, il-wiri jew iċ-ċirkolazzjoni ta' kliem miktubin, stampi jew materjal ieħor, lirigward dik il-persuna huma bbażati fuq diskriminazzjoni sesswali u li jistgħu raġonevolment jiqiesu bħala offensivi, umilijanti u intimidatorji lejn dik il-persuna.
> (2) L-ebda prinċipal jew impjegat ma jista' jagħti fastidju sesswalment lil impjegat ieħor jew lill-prinċipal (hawnhekk iżjed'il quddiem f'dan l-artikolu imsejħa "l-vittma") billi –
> (a) jassoġġetta l-vittma għal att ta' intimità fiżika; jew(b) jitlob favuri sesswali mill-vittma; jew
> (ċ) jassoġġetta l-vittma għal xi att jew kondotta li jkollhom konnotazzjonijiet sesswali, inklużi kliem bil-fomm, ġesti jew il-produzzjoni, il-wiri jew iċ-ċirkolazzjoni ta' kliem miktubin, stampi jew materjalieħor, fejn –

> (i) l-att, it-talba jew il-kondotta mhumiex mixtieqa mill-vittma u jistgħu raġonevolment jiqiesu bħala offensivi, umiljanti jew intimidatorji lejn il-vittma;
> (ii) il-vittma tiġi ttrattata b'mod differenti, jew jista'raġonevolment jiġi antiċipat li l-vittma tista' tiġihekk trattata, bħala riżultat tat-tiċħid jew is-sottomissjoni tagħha għal dak l-att, dik it-talba jew dik il-kondotta[14].

Illi minn dan l-artikolu johrog car dak li l-legislatur kellu f'rasu, u cioe` li fuq il-postijiet tax-xoghol ma jkunx hemm dawn it-tip ta' abbuzi. Addirittura l-principal ghandu jara li dawn it-tip ta' abbuzi ma jsirux, la minn impjegati ohra fuq impjegati ohra u aktar u aktar minnu stess. Illi a skans ta' ripetizzjonijiet mill-insenjamenti tal-awtur Norman Selwyn, u li huma riportati aktar 'l fuq, jindika bl-aktar mod car li anke sempliciment att wiehed biss jammonta ghal fastidju; "*Conduct is 'unwanted' in the sense of being 'unwelcome' or 'uninvited' (Insitu Cleaning Co Ltd v Heads).* ***A singular incident can give rise to harassment*** *under this section (Bracebridge Engineering Ltd v Darby)"*[15].

It-Tribunal ghalhekk irid jiddetrmina jekk l-impieg tar-rikorrenti jammontax ghal tkeccija ngusta. It-Tribunal iqis li meta l-principal, Gaetano Bonnici, kien ried lir-rikorrenti li taghzel bejn l-impjieg taghha u s-sieheb taghha, kien qieghed jaghmel ix-xabla ta' Damokles ma ghonq ir-rikorrenti. Ir-rikorrenti tpoggiet f'pozizzjoni li f'tali sitwazzjoni kellha bilfors li taghzel lis-sieheb taghha u ghalhekk titlef l-impjieg taghha. It-Tribunal iqis li dan it-tip ta' attegjament hu inaccettabbli f' socjeta` demokratika. Principal ma ghandu l-ebda dritt li jindahal fil-hajja personali tal-impjegati tieghu.

In oltre, kull impjegat/a ghandu jhossu komdu u sigur fuq il-post tax-xoghol minn dawn is-sitwazzjonijiet ta' fastidju. Il-punt li t-Tribunal jaraha kemmxejn nebboluz f'din il-kwistjoni kollha hu l-fatt li r-rikorrenti qatt ma hadet azzjoni tempestiva. Ghalkemm wiehed jifhem li dawn huma cirkostanzi u sitwazzjonjiet imbarazzanti, mill-banda l-ohra impjegati li jsofru dawn it-tip ta' abbuzi ghandhom jiehdu azzjoni mill-ewwel u minghajr dewmien. It-Tribunal iqis li dan bhala nuqqas da parti tar-rikorrenti.

Il-principal meta jiehu decizjoni li jittermina mpjieg ta' mpjegat dan ghandu jsir ghal raguni valida u jagixxi b'mod ragonevoli. It-Tribunal f'tali cirkostanzi jaghmel it-test tar-ragonevolezza tal-principal ta' dik id-decizjoni ta' tkeccija. L-awtur gia citat, Norman Selwyn, dwar jekk terminazzjoni saritx ghal raguni gusta u b'mod ragenoveli, dan l-awtur dwar dan il-punt jirrileva li: -

> 17. 157 It must be remembered that even though a reason is capable of being another substantial reason for dismissal, the employer must still act reasonably in treating that reason as a sufficient reason for dismissal. To this, he should have full investigation of the problem, and explore any alternatives which may be available (Scott Packing and Warehousing Co v Paterson). There is no absolute requirement that consultation with the employee should take place, but this is one of

---

[14] Att Dwar l-Impjiegi u Relazzjonijiet Industrijali, artiklu 29 tal-Kap 452 tal-Ligijiet ta' Malta.
[15] Bran li hu riportat aktar 'l fuq f'pagna 7 ta' din id-decizjoni.

> the factors to be taken into account in determining if the employer has acted reasonably (Hollister v National Farmers' Union)[16].

Il-kwistjoni odjerna hi ppernjata fuq il-fatt li r-rikorrenti kellha relazzjoni ma' ex impjegat tas-socjeta` ntimata. Il-principal ghar-ragunijiet li jaf hu biss, ried li r-rikorrenti taghzel bejn l-impjieg taghha u s-sieheb taghha, ossia l-ex impjegat, Josef Borg. Hu propju hawn li dan it-Tribunal jara xi haga li ma tinkwadrax meta kif irrizulta mill-provi, r-rikorrenti wara d-diversi allegazzjonijiet li ghamlet ta' fastidju da parti tal-principal, Gaetano Bonnici kienet lesta li tibqa' tahdem f'dan l-ambjent ta' xoghol. Wiehed forsi jifhem li mhux facli li terga' ssib impjieg mill-gdid, izda li jkun impjegata li tkun qieghda thossha skomda b'tali komportament u tibqa' fl-istess impjieg hi xi haga li minnha nnifisha hi kontradittorja.

It-Tribunal jaghmel referenza ghad-decizjoni moghtija minn dan it-Tribunal kif diversament ippresedut fejn f'din id-decizjoni fejn elenka l-istanti li huma s-segwenti: -

> B'mod generali jidher li f'materja ta' tkeccija mill-impjieg iridu jitharsu dawn il principji rakkolti mid-duttrina Ingliza u dik kontinentali fuq is-suggett:-
> (1) L-addebitu tan-nuqqas jew ta' l-imgieba hazina jrid ikun specifiku, jigifieri ghandu jkun formulat b'mod car ta' l-aspetti essenzjali u materjali tal-fatt denunzjat.
> Mhux accettat allura li l-addebitu jkun bazat fuq semplici suspetti vagi jew ridott ghall-alluzjonijiet generici;
> (2) Ir-reazzjoni mill-principal trid tkun ukoll wahda tempestiva. Jekk xejn, biex tikkonsentixxi lill-impjegat li jkollu difiza immedjata, u daqstant iehor effikaci, biex jilqa' ghall-akkuzi fil-konfront tieghu;
> (3) Il-kontestazzjoni minn min ihaddem tesigi, b'necessita`, li tkun immutabbli, jigifieri, li jkun hemm korrispondenza bejn il-fatt kontestat u dak migjub 'il quddiem bhala bazi ta' akkuza u ta' l-azzjoni dixxiplinarja dwaru;
> (4) Ta' mportanza, mbaghad, huwa l-principju tal-proporzjonalita` bejn l-addebitu u s-sanzjoni li tigi kommunikata mill-principal. Dan fis-sens illi l-provvediment dixxiplinarju jrid ikun in relazzjoni mall-ghazla u l-mizura tas-sanzjoni u in rapport ghall-gravita tan-nuqqas; s'intendi, valutata fl-entita` taghha, soggettiva u oggettiva.
> (Qorti tal-Appell sede inf. Per Imh Sciberras sentenza l ta' Marzu 2006 Appell Civili numru 1/2005 fl-ismijiet Charlot Scerri vs St Microelectronics (Malta) limited.
> Premessi dawn il-principji, jrid jinghad, b' referenza ghall-aspetti ventilati mill-appellanti[17].

Illi minn dan kollu dan it-Tribunal iqis li r-rikorrenti ma kellha l-ebda problemi li tibqa' tahdem mall-principal Bonnici, u ghalhekk dak li hi allegat jew mhux minnhu, jew li ma kinitx tiddejjaq daqshekk bl-agir tal-principal, jew ghax lilha ma kienx jaffetwaha daqshekk, jew minhabba l-fatt li kif ukoll irrizulta mill-provi, r-rikorrenti kellha certa fiducja fuq il-post tax-xoghol u li ma xtaqitx

[16] Selwyn's Law of Employment 22nd Edition – Astra Emir, Oxford University Press (2022) – par. 17.159, p. 458.
[17] Decizjoni Nru: 2660, Chairperson, Dottor Anna Mallia, fil-Kwistjoni ta' Xoghol bejn Emanuel Mifsud u AX Hotels Operations Limited, deciza 28 ta' Frar 2020, pagna 8.

li titlef. It-Tribunal ghalhekk se jiehu in konsiderazzjoni dan il-fatt ukoll meta jigi sabiex jasal ghall-kumpens dovut lir-rikorrenti.

It-Tribunal hu tal-fehma li z-zewg partijiet ma humiex kredibbli fix-xiehda taghhom, u in oltre jqis li thallew certi istanti barra, u dan ghal ragunijiet li jafuhom huma biss.

Dwar il-kontribuzzjoni da parti ta' mpjegat ghat-terminazzjoni tieghu, u dan b'analogija ghall-kwistjoni odjerna, l-awtur Norman jirrileva li: -

> 11.131. This defence is based on the Law Reform (Contributory Negligence) Act 1945, which provides that if a person is injured, partly because of his own fault and partly due to the fault of another, damages shall be reduced to the extent the court thinks fit, having regard to the claimant's share in the responsibility for the damage. The defence is successfully raised in a number of cases. The employer will argue that even though he was negligent, so too was the injured employee, and a reduction in the amount of damages awarded will be the result[18].

It-Tribunal Industrijali f'tali cirkostanzi jizen il-fattispeci tal-kwistjoni kollha li jkollu quddiemu flimkien mall-provi mressqa, u f'dawn it-tip ta' sitwazzjonjiet jnaqqas l-ammont ta' kumpens dovut lill-impjegat u dan minhabba l-agir li jkun ikkontribwixxa ghat-tkeccija mill-istess impjegat. L-imsemmi awtur, Norman Selwyn jaghti gwida cara lit-Tribunal kif ghandu jasal ghall-komputazzjoni tal-kumpens u kif ukoll x'ghandu jikkonsidra ghal dak it-tnaqqis mill-kumpens.

> 17.228 Where an employment tribunal finds that the dismissal was to any extent caused or contributed to by any action of the claimant, it shall reduce the amount of the compensatory award by such proportion as it thinks just and equitable, having regard to that finding (ERA s 123 (6)). In Nelson v BBC (No2), the Court of Appeal stated that there are three matters which must be taken into account under this heading. First, the action of the employee must be culpable or blameworthy; second that the action must have caused or contributed towards the dismissal; and third, it must be just and equitable to reduce the compensatory award by the specified proportion. For example, in Scottish Co-operative Wholesale Society Ltd v Lloyd a dismissal was held to be unfair because no specific warning had been given to the claimant. But he failed to reply to complaints which had been made against him, failed to obey certain instructions and failed to achieve a modest sales target. All these factors were held to be conduct which contributed towards the dismissal and therefore grounds for reducing the compensatory award. A failure to follow works rule, using company property for private purposes, uncooperative conduct, failure to apologise for wrongful acts (eg swearing at a manager), failure to explain unauthorised absences, a refusal to give an explanation for certain conduct, failing to return work on time after holidays, and so on, have held to be grounds for reducing the compensatory award[19].

---

[18] Ibid – para. 11.131 p. 348.

[19] Selwyn's Law of Employment 22nd Edition – Astra Emir, Oxford University Press (2022) – par. 17.228, p. 474.

Wara li dan it-Tribunal evalwa l-provi kollha sepcjalment ix-xhieda prodotti u kif ukoll id-dokumenti esebiti, u kkonsidra dak kollu hawn fuq citat, iqis li l-agir tar-rikorrenti kkontribwixxa wkoll ghat-terminazzjoni tal-impjieg taghha, u dan peress li r-rikorrenti qatt ma kienet hadet azzjoni tempestiva. Mill-banda l-ohra n-nuqqas tal-principal, Gaetano Bonnici, jikkonsisti f'agir li hu mhux xieraq u accettabli fuq post tax-xoghol. *Multo magis*, hu fid-dmir ta' kull principal li jizgura li fuq il-post tax-xoghol ikun ipprovdut ambjent san u hieles minn kull fastidju. Dan ukoll gie ritenut fid-decizjoni ta-Tribunal, fid-decizjoni Gladys Tabone u Consolidated Biscuits Compnay Limited, fejn it-Tribunal Industrijali sostna dan li gej: -

> It-Tribunal ma jistax jonqos milli jirrimarka illi post tax-xogħol san ma jitkejjilx biss mill-produzzjoni u mill-profitti li l-kumpannija tagħmel imma jitkejjel ukoll mill-kuntentizza u mill-benessere tal-impjegati kollha. Li jkollok impjegata waħda li ttellef il-kuntentizza ta' numru kbir ta' impjegati, ħlief il-ftit li din ikollha grazzja magħhom, żgur ma huwiex ambjent san. Li jkollok ammont ta' impjegati li jibdew ibatu minn kundizzjonijiet mediċi u li saħansitra jirreżenjaw huwa inkwjetanti għall-kumpannija u li kieku l-kumpannija ma ħaditx azzjoni żgur li kienet tkun qegħda tonqos lill-impjegati l-oħrajn kollha[20].

Illi ghalkemm dan it-Tribunal iqis li t-terminazzjoni tar-rikorrenti saret b'mod ingust u kontra l-ligi, kif gia sar accenn aktar 'l fuq l-istess rikorrenti wkoll ikkontribwiet ghat-terminazzjoni taghha. Illi ghalhekk dan it-Tribunal hu tal-fehma li z-zewg partijiet kellhom in-nuqqasijiet taghhom.

Illi kif gia gie spjegat f'decizjonjiet ohra tat-Tribunal, il-kumpens li jasal ghalih it-Tribunal ghandu jkun in linea ma' dak li jkun ghadda minnu l-impjegat/a. Il-Qrati taghna wkoll indikaw il-mod u x'ghandu jiehu in konsiderazzjoni t-Tribunal Industrijali sabiex jasal ghall-kumpens gust u xieraq. Il-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) f'diversi decizjonjiet elenkat l-istanti li t-Tribunal Industrijali ghandu jikkonsidra sabiex jasal ghall-komputazzjoni tal-kumpens u kif ukoll x'ghandu jikkonsidra sabiex jasal ghal tali kumpens[21].

## Kumpens

Illi ghar-ragunjiet sopracitati t-Tribunal, qieghed jiddikjara li t-tkeccija mill-impjieg tar-rikorrenti, Natalie Cortis, kienet tkeccija ngusta u mhux ghal raguni valida u bizzejjed skont il-ligi mill-principal, Gaetano Bonnici. In oltre, t-Tribunal jinnota li ssir referenza fin-nota ta' sottomissjonjiet tar-rikorrenti ghal *vento bands,* ossia l-linji gwida li Tribunal Industrijali ghandu jadotta sabiex jasal ghall-kumpens, derivanti mill-Qrati Inglizi. Dawn il-linji gwida huma bbazati fuq id-decizjoni

---

[20] Decizjoni Nru 2443, Chairperson Dr. Charmaine Cristiano Grech, fil-Kwistjoni ta' Xoghol bejn Gladys Tabone u Consolidated Biscuits Company Limited, deciza fid-9 ta' Settmebru 2016, pagna 13.

[21] Appell Civili 64/2017 – Qorti tal-Appell (Komptenza Inferjuri) fl-ismijiet Borg Carmel vs Malta Transport Services (operations) Ltd deciza fid-9 ta' Marzu 2019, per l-Onorevoli Mhallef Anthony Ellul, u Appell Civili 90/2018 – Qorti tal-Appell (Komptenza Inferjuri) fl-ismijiet Pisani Marco vs The AV Warehouse Ltd deciza fil-11 ta' Frar 2019, per l-Onorevoli Mhallef Anthony Ellul, u Appell Civili Nru:160/2018 fl-ismijiet, Publius Davison vs De La Rue Currency and Security Limited deciza 11 ta' Ottubru 2019, per l-Onorevoli Mhallef Anthony Ellul.

Vento v Chief Constable of West Yorkshire Police [2003] IRLR102. L-awtur Selwyn dwar dan l-istanti jirrileva: -

> 4.236 The award will usually fall within three 'Vneto' bands, depending on the frequency and nature of the wrongful act (Vento v Chief Constable of West Yorkshire Police (No.2). Since De Souza v Vinci Construction (UK) Ltd), these have been updated annually. From April 2022 the lower band is between £990 and £9,900, the middle between £9,900 and £29,600; and the top band between £29,600 and £49, 300 with exceptional cases exceeding this. These are updated annually[22].

Illi ghar-rigward ta' din il-kwistjoni ta' xoghol dan it-Tribunal se jiehu in konsiderazzjoni l-ewwel kategorija (*lower band*) ta' *vento bands* u dan ghar-ragunijet fuq citati. Illi ghalhekk meta applikata b'analogija ghall-kwistjoni odjerna, it-Tribunal qieghed jordna lill-principal, Gaetano Bonnici, li jhallas kumpens fl-ammont ta' tlett elef u hames mitt Ewro (€3,500), lir-rikorrenti, Natalie Cortis, u dan wara li t-Tribunal ikkonsidra ukoll n-nuqqasijiet tar-rikorrenti, fi zmien xahar mid-data ta' din id-decizjoni.

Ghall-finijiet ta' l-Avviz Legali 48 tal-1986, dan it-Tribunal qieghed jistabilixxi d-drittijiet tar-rapprezentanti legali tal-partijiet fl-ammont ta' €93.17c ghal kull rapprezentant legali.

Ghalhekk tintemm din il-kwistjoni ta' xoghol.

**(Iffirmat)**
Av. Geoffrey Vella
Chairman

**Vera Kopja**

**Marica Psaila**
**Ghas-Segretarju**

[22] Selwyn's Law of Employment 22nd Edition – Astra Emir, Oxford University Press (2022) – par. 4.236, p. 163.